**MFIN 56/2017**

**Ċirkulari MFIN/HR Nru. 3/2017**

Ministeru għall-Finanzi
Maison Demandols
30, Triq Nofsinhar
Il-Belt Valletta

**Data: 30 ta' Marzu 2017**

Lis-Segretarji Permanenti
Lid-Diretturi Ġenerali
Lid-Diretturi
Lill-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

**POŻIZZJONI TA' MANAGER (CASH AND BANKING) FIL-MINISTERU GHALL-FINANZI**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Finanzi jilqa' applikazzjonijiet minn Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta , impjegati tas-Settur Pubbliku għall-pożizzjoni ta' *Manager (Cash and Banking)* fil-Ministeru għall-Finanzi. Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma sekondati/ mislufin/ *detailed/deployed/attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku jistgħu japplikaw ukoll.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Manager (Cash and Banking)* fid-Dipartiment tat-Teżor, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Manager (Cash and Banking)* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax (12) xahar.

**Salarju marbut mal-pożizzjoni**

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Manager (Cash and Banking)* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 7 (li fis-sena 2017 huwa ta' €22,134.98 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €531.17 sa massimu ta' €25,322.00).

**Dmirijiet**

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Manager (Cash and Banking)* jinkludu:

a) Għajnuna lill-Assistent Direttur fl-immaniġjar ta' ġurnata b'ġurnata tal-*Government Accounts Section*, tipprovdi/jipprovdi avviz u sapport meta neċssarju;
b) Responsabbli mil-manutenzjoni ta' diversi *databases* fis-sistema tal-*accounting* li tinkludi *Departemental Funds and Budgets,* bejjiegħa, banek u l-*Corporate Chart of Account;*
c) Responsabbli mill-manutenzjoni u l-kontroll tal-*Below-the-Line-Accounts;*
d) Responsabbli mill-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-*Corporate Financial Management Solution (CFMS)* mas-servizz pubbliku;
e) tagħmel xogħol u kuntatti mal-MITA u partijiet oħra interessati fuq l-implimentazzjoni tal-*Corporate Financial Management Solution (CFMS)* għall-Gvern ta' Malta;
f) tassigura l-applikazzjoni ta' kull *policy* finanzjarja, proċeduri kif ukoll linji gwida mal-Gvern;
g) tassisti fl-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi finanzjarjimogħtija mid-Direttorat;
h) tipprovdi sapport lid-Direttur (Government Accounts) fl-introduzzjoni tal-*Accrual Accounting/IPSAS* metadoloġiji u konċetti kif ukoll fil-bidliet kollha involuti fill-proċess tal-*managemet;*
i) Responsabbli minn rapporti varji għall-Gvern li tinkludi *monthly, quarterly u statements* statutorji annwali; rapporti ghall-trasmissjonijiet lill-NSO għall-kumpliazzjoni tal-*Financial* u

*non-Financial Accounts;* kontribut relatat ma’ Defiċit ta’ Malta u Dejn (Fiskali) u rapporti oħra li jirriżultaw mill-obbligi internazzjonali ta' Malta;

j) Responsabbli mill-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-Rapport Finanzjarju;
k) Tagħti taħriġ u assistenza lill-uffiċjali l-oħra fil-*unit;*
l) Tista’ tkun mitlub/a tagħti taħriġ fis-Servizz Pubbliku f’*areas* speċifiċi tal-*unit;*
m) Tista’ tkun mitlub/a li ssiefer fuq xogħol uffiċjali.
n) Tagħmel xogħol ieħor li jista’ jintalab mill-Assistent Direttur, Direttur u/jew l-*Accountant General*;
o) Tagħmel dmirijiet oħra kif delegat mis-Segretarju Parlamentari;
p) Tagħmel dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Parlamentari ewlieni.

**Rekwiżiti tal-eliġibbilta’**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu Uffiċjali Pubbliċi jew ħaddiema tas-Settur Pubbliku:

a) F’pussess ta’ kwalifika rikonnoxxuta ta’ grad ta’ *Master’s* f’livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta’ 60 *ECTS/ECVETS* krediti, jew ekwivalenti f’rigward programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-*Accountancy* jew kwalifika professjonali komparabbli f’qasam relatat, flimkien ma’ sena (1) esperjenza ta’ xogħol rilevanti;
Jew
b) F’pussess ta’ kwalifika rikonnoxxuta ta’ grad ta’ Baċċellerat f’livell 6 tal-*MQF* (suġġetta għal minimu ta’ 180 *ECTS/ECVETS* krediti, jew ekwivalenti f’rigward ta’ programmi li bdew minn Ottubru 2003) fl-*Accountancy* jew kwalifika professjonali komparabbli f’qasam relatat, flimkien ma tlett (3) snin esperjenza ta’ xogħol rilevanti;
Jew
c) Uffiċjali Pubbliċi fi Skala mhux inqas minn Skala 10, li l-ħatra tagħhom f’tali skala tkun ġiet ikkonfermata, u huma fil-pussess ta’ kwalifika rikonoxxuta ta’ Baċċellerat f’Livell 6 tal-*MQF* (suġġetta għal minimu ta’ 180 *ECTS/ECVETS* krediti, jew ekwivalenti f’rigward ta’ programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-*Accountancy* jew kwalifika professjonali komparabbli f’qasam relatat;
Jew
d) Impjegati tas-Settur Pubbliku fi Skala mhux inqas minn Skala 10, li l-ħatra tagħhom f’tali skala tkun ġiet ikkonfermata, u huma fil-pussess ta’ kwalifika rikonoxxuta ta’ Baċċellerat f’Livell 6 tal-*MQF* (suġġetta għal minimu ta’ 180 *ECTS/ECVETS* krediti, jew ekwivalenti f’rigward ta’ programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-*Accountancy* jew kwalifika professjonali komparabbli f’qasam relatat;
Jew
e) Impjegat diġà stabbilit fil-pożizzjoni partikolari fuq bażi personali..

5.2 Biex jiġi dditerminat u ikkumparat il-livell ta’ responsabbilta’ tal-impjegati tas-Settur Pubbliku mal-livell ta’ responsabbilta’ meħtieġ minn uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni, il-Bord tal-Għażla għandu dejjem u formalment jikkonsulta mad-Direttur/*HR Manager* responsabbli tal-entita’ rispettiva tas-Settur Pubbliku.

5.3 L-arranġament preżenti, fejn ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jibqgħu fuq il-kotba tal-entita’ rispettiva, jibqa’ japplika, bil-kunsens tal-entita’, f’kas li ħaddiema tas-Settur Pubbliku li jintgħażlu għall-pożizzjoni. Ħaddiema tal-RSSL jibqgħu fuq il-kotba tal-kumpanija.
Fl-eventwalita’ li ħaddiema tal-RSSL jottjenu l-istat indefinit fis-Servizz Pubbliku skont il-L.S. 452.81, l-impieg tagħhom mal-RSSL jiġi tterminat.

Sakemm il-ħaddiema tal-RSSL ma jiħdux l-istat indefinit mas-Servizz Pubbliku wara erba’ snin fil-pożizzjoni skont il-L.S. 452.81, il-persuni maħtura jkunu intitolati jerġgħu lura għall-pożizzjoni li kellhom mal-RSSL bis-salarju li kellhom mal-RSSL.

5.4 Kwalifiki li huma ta’ livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta’ eliġibbilita’, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta’ Masters f’livell 7 ta’ MQF, jew ekwivalenti,

għandha tinkludi minimu ta’ 60 ECTS/ECVETS krediti, fir-rigward ta’ korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

5.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f’din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta’ dikjarazzjoni ta’ rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita’ pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar ‘l isfel).

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b’ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b’mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f’paragrafi 5.1 – 5.4, għandhom esperjenza ta’ xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

8. L-applikazzjonijiet flimkien ma’ *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornat u *curriculum vitae* dettaljat, jintlaqgħu mill-Assistent Direttur (Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Finanzi sa mhux aktar tard **min-nofs in-nhar** *(Central European Time)* **ta’ nhar it-Tnejn, 24 ta’ April 2017**. Fil kas ta’ impjegati tas-Settur Pubbliku, dawn għandhom jippreżentaw *paid/unpaid Leave* u *Sick Leave records* ghal-aħħar erba’ snin, inkluż kwalunkwe *records* ta’ xi azzjonijiet dixxiplinarji. Fil-kas ta’ impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-DCS tal-Ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f’dak il-Ministeru. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq http://recruitment.gov.mt sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**Provvedimenti ġenerali oħra**

9. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat ;
- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjonijiet u dettalji relatati;

- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx jew jinkisbu mill-Uffiċju għall-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani, 30, Maison Demandol, Triq Nofs in-Nhar, Valletta. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u ndirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma http://mfin.gov.mt/en/Employment_Opportunities/Pages/Employment-Opportunities.aspx , http://mfin.gov.mt/en/Employment_Opportunities/Pages/Published-Results.aspx u human-resources.mfin@gov.mt.

Alfred Camilleri
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Finanzi

KDB/DD